**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta Gunju, 2016**

Kawza Numru: 311/2015JB

Numru: 32

**Go p.l.c. (C22334)**

***vs***

**George Aquilina (K.I.: 403963M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar is-16 ta' April 2015 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erba' mija u hamsa u ghoxrin euro u sbatax-il centezmu (€425.17) u dan in konnessjoni ma' *Bundle Service Agreement Home Pack 33*. Talbet ukoll l-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 1266/2014 u l-imghaxijiet.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-20 ta' Mejju 2015 (fol 7);

Ra li ghad li gie debitament notifikat bl-atti, il-Konvenut naqas milli jipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment;

Ra li ghas-seduta tal-lum, deheret biss rapprezentanta tas-Socjeta Attrici li kkonfermat bil-gurament il-pretensjoni attrici;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali. Inoltre, l-Art. 13 tal-Kap. 380 jipprovdi espressament li jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, il-Konvenut – ghad li debitament notifikat – naqas milli jipprezenta risposta kif ukoll naqas milli jidher ghas-seduta. Mill-banda ‘l ohra, is-Socjeta Attrici irnexxielha tipprova t-talba kif dedotta u dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu. Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi;

Ikkunsidra;

Illi fir-rigward tal-imghaxijiet, it-Tribunal jinnota li l-ittra ufficcjali (a fol 5) ma jirrizultax li giet notifikata u ghalhekk ma tistax tittiehed f’kunsiderazzjoni ghall-fini ta’ komputazzjoni tal-imghaxijiet. Ghalhekk, il-Konvenut se jigi kkundannat ihallas l-imghax mid-data tan-notifika tal-ewwel att gudizzjarju in materja u kwindi mid-data tan-notifika tal-kawza odjerna li mir-riferta a fol 32 jidher li hi l-25 ta’ Mejju 2016;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa’ t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lill-Attur is-somma ta’ €425.17 bl-imghax legali skond il-ligi b’effett mill-25 ta’ Mejju 2016. L-ispejjez kollha tal-proceduri inkluz dawk tal-ittra ufficcjali 1266/2014 jkunu a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Mary Josette Musu’
*Deputat Reġistratur*